# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D

**Kawża Nru. 1183/2024**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Mangion Sean**

**Illum, 30 ta' Lulju, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Sean Mangion, bin-numru tal-karta tal-identità 388691M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

*"...fl-01 ta' Marzu 2024 bejn il hinijiet ta' 17:00 u 22:00 u kif ukoll sieghat u granet qabel, gewwa Qormi fiz-Zona maghrufa bhala tal-Hlas u postijiet ohra gewwa il-gzejjer Maltin,*

*1. Nqast milli thares xi wahda w/jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqhek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D. fid-digriet moghti nhar it-19 ta' Novembru 2023, u li permezz tieghu l-istess Sean Mangion nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur ta' Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Ghamel lil Ronald Debono inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li hareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel xi reat; jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos*

*milli jagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna u cioe lil Ronald Debono  jew xi persuna oħra jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dab bi ksur ta' Artikolu 49 (a), (b), (c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4. Volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, ergo vettura tal-marka DAF għad-dannu ta' Ronald Debono liema ħsara hija iżjed minn mitejn u hamsin ewro (€250) u mhux aktar min elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) fit-termini tal-artikolu 325 (1) (b) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.*

*5. Talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħek ikkaġunajt lill-imsemmija persuna biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha liema delitt twettaq bl-użu jew it-theddid tal-użu ta' arma, bi ksur tal-artikoli 251(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*6. Talli ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' tal-pulizija jew ta' wieħed l jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallejtux jew fixkiltu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indhalt fi dmiru, billi ma ħallejtux jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġibt fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi ohra. Art. 338 (ee) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*7. U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrendejt ruhek ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza mghotija mill-Magistrat Dr Caroline Farrugia Frendo LL. D. Nhar is-12 ta' Settembru 2016 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Sean Mangion a benefiċju tal-Ronald Debono kif ukoll Bartholomeo Debono u Antonia Debono u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.*

*Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni tal-Ronald Debono kif ukoll Bartolomeo Debono u Antonia Debono jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Sean Mangion billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Sean Mangion b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qort billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall zmien li tħoss xieraq.*

*Ghaldaqstant, filwaqt li qed nesebixxu NPS Person Details Form u l-Fedina Penali ta' l-imsemmi Sean Mangion nitolbu li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi."*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet ammissjoni dwar is-sitt imputazzjoni, li ġiet ikkonfermata anke wara li l-imputat ingħata żmien raġjonevoli biex jirrikonsidra, u anke wara li ġie spjegat lilu l-konsegwenza legali li ġġib magħha tali ammissjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti fliet ix-xhieda prodotta. Dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni, din il-Qorti tqis li ma tressqitx l-aħjar prova mill-Prosekuzzjoni, dwar l-istess imputazzjonijiet. In fatti, l-allegata vittma, ċertu Ronald Debono, xehdet quddiem din il-Qorti, li hija tixtieq taħfer lill-imputat, u li ma kellhiex interess f'din il-kawża.

Dwar is-sitt imputazzjoni, l-imputat irreġistra ammissjoni.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti qieset li r-Reġistratur tal-Qorti Kriminali eżebiet ir-ricerka, li saret fir-rigward tal-imputat. Ġiet eżebita vera kopja tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest, mogħti fid-19 ta' Settembru, 2023, maħrug mill-Maġistrat Joseph Mifsud, u ġie kkonfermat li dan id-digriet għadu viġenti. Dan id-digriet ġie wkoll eżebit mill-Uffiċjal Prosekutur, bħala DOK MJ1. Madanakollu, fl-imputazzjoni hemm imniżżel li l-imputat qed jiġi akkużat, li naqas li jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ippreseduta mill-Maġistrat Joseph Mifsud, fid-digriet mogħti fid-19 ta' Novembru, 2023. Quddiem din il-Qorti, ma tressaq l-ebda digriet datat 19 ta' Novembru, 2023. Fl-eventwalità li dan kien żball tal-pinna, il-Prosekuzzjoni, fl-ebda ħin, ma talbet il-korrezzjoni tad-data ta' dan id-digriet. Ghalhekk, fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn din l-ewwel imputazzjoni, peress li hekk kif ifformulata, din ma tirriżultax ippruvata.

Dwar is-seba' imputazzjoni, u ċioè dik tar-reċidiva, din il-Qorti tqis li ma tressqet l-ebda kopja tas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Settembru, 2016, mill-Maġistrat Dottor Caroline Farrugia Frendo. In oltre, apparti dan kollu, mill-fedina penali jirriżulta li l-piena li allegatament ġiet mogħtija lill-imputat odjern, kienet dik ta' liberta kondizzjonata għal żmien sena, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ghalhekk, din il-Qorti lanqas ma hija ser issib ħtija fl-imputat, in kwantu għal din is-seba' imputazzjoni.

**Deċide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq indikati, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi din il-kawża, billi:**

i. **fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, tiddeċiedi li l-proċediment huwa eżawrit, stante rinunzja da parte ta' Ronald Debono;**

ii. **fir-rigward tal-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-seba' imputazzjoni, mhux qed issib lill-imputat ħati, u qed tilliberah minn kull kundanna u ħtija;**

iii. **fir-rigward tas-sitt imputazzjoni, in vista tal-ammissjoni tal-imputat, u wara li rat l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati u qed twissih biex ma jerġax.**

______________________________

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

______________________________

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**